***- RIKORS GHALL-ESEKUZZJONI KONSEGWENTI GHALL-MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

***- ARTIKOLU 873 (1) U (4) KAP 12 -***

# IL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Digriet ta' nhar it-Tlieta, 8 ta' Jannar 2002**

**Kawza Numru: 4**
Rikors datat 24 ta' Mejju 2001 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru.3639/00 RCP fl-ismijiet :-

**Avv.Joseph M.Sammut**

**vs**

**Tat-Taljan Co.Ltd.**

**Il-Qorti,**

**I.PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ta' l-Avv.Joseph M. Sammut tal-24 ta' Mejju 2001.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-28 ta' Mejju 2001.

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata tal-4 ta' Gunju 2001.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Gunju 2001 fejn xehed l-Avv. Joseph Sammut. Ir-rikorrenti ddikjara li m'ghandux provi izjed. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-intimat li fi zmien seba' t'ijiem kellu jesebixxi d-dokumenti relattivi in sostenn tar-risposta tieghu b'kopja lid-difensur tal-kontro-parti.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta li biha esebiet kopja tad-digriet tar-rikors, liema digriet hu datat 22 ta' Mejju 2001.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Lulju 2001 fejn il-Qorti ordnat li jsir access minnha fil-fond mertu tar-rikors odjern fid-19 ta' Lulju 2001 a spejjez provizorjament tar-rikorrenti. Ir-rikors gie differit ghall-10 ta' Ottubru 2001 ghall-finali trattazzjoni.

Rat il-verbal tal-access.

Rat il-verbal tal-10 ta' Ottubru 2001 fejn is-socjeta` intimata u d-difensur taghha imsejhin diversi drabi baqghu ma dehrux.

Id-difensuri tar-rikorrenti talbu li jaghmlu nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti ppregiggiet terminu ta' tletin jum

ghall-prezentata tan-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu 30 jum biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghad-digriet finali ghat-8 ta' Jannar 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi dan ir-rikors qed isir peress li r-rikorrenti qed isostni li fil-granet sussegwenti ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni permezz tad-digriet tas-26 ta' April 2001 is-socjeta` intimata xorta wahda baqghet ghaddejja bl-attivita` industrijali taghha tant illi hu ghamel diversi rapporti fl-Ghassa tal-Pulizija. Kwindi huwa qed jitlob li din il-Qorti tordna illi Marixxall, bl-assistenza tal-Pulizija, jaccedi fil-fond li fih qed issir l-attivita` tas-socjeta` ntimata sabiex jissigilla l-magni kollha li qeghdin jigu operati allegatament ghall-iskop industrijali.

Illi fir-risposta taghha s-socjeta` intimata eccepiet illi t-talba kif dedotta fir-rikors tar-rikorrent datat 24 ta' Mejju 2001 ghandha tigi respinta stante li l-meritu tal-istess huwa *res judicata* in vista tal-fatt li talba identika gia giet respinta permezz ta' decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili diversament presjeduta datata 22 ta' Mejju 2001.

Illi dwar l-eccezzjoni ta' *res judicata* din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li tirreferi ghal dan il-kuncett fis-sistema guridika taghna fis-sentenza **"Registratur tal-Qrati Superjuri vs M of Time Limited" (RCP deciza fis-17 ta' Frar 2000)** fejn inghad li biex tissussisti *res judicata* irid ikun hemm *"eadem res", "eadem causa petendi"* u *"eadem personae"* u ghalhekk a skans ta' repetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal dwar l-istess, fis-sentenza citata, dwar l-istess elementi.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz "*de quo*" jirrizulta li ghalkemm l-oggett taz-zewg talbiet huwa l-istess ghalkemm f'terminologija differenti, pero` xorta wahda l-*"eadem res"* u l-*"eadem causa petendi"* mhux sodisfatti u dan stante li dawn jirreferu ghall-mertu proprju tad-dritt li jigi biss deciz u konkluz b'sentenza fuq il-mertu li tkun finali u ghaddiet in gudikat.

Infatti kif intqal fis-sentenza, fuq citata, ta' din il-Qorti kif presjeduta dwar l-*"eadem res"* :-

*"Illi mill-interpretazzjoni li jaghtu d-diversi awturi ta' kif ghandha tigi determinata l-identita` ta' l-oggett jidher illi l-ahjar mod hu li tezamina jekk il-kwistjoni mqajma fit-tieni talba gietx jew le deciza* ***minn sentenza li tkun ghaddiet in gudikat****. Illi ghalhekk, wiehed irid jara jekk il-punt imqajjem fit-tieni talba giex determinat mis-sentenza l-ohra*

*jew jekk baqax irrisolt. Illi jekk il-kwistjoni tkun giet diskussa u deciza, allura jkun hemm l-identita` ta' l-oggett."*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-*"eadem causa petendi"* l-istess Qorti qalet li kwindi *"sabiex il-kundizzjoni ta' l-'eadem causa petendi' tirnexxi, irid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuta fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat".*

Illi minn dan kollu jidher li sabiex tapplika l-eccezzjoni ta' *'res judicata'* jrid ikun hemm decizjoni finali fuq l-istess meritu medesimu propost fil-kawza li tkun qed tigi trattata. Illi fil-kuntest tal-procedura odjerna minn imkien ma jidher li inghatat decizjoni fuq il-mertu dwar il-punt mertu tal-pendenza odjerna, anzi jidher car li r-rikors odjern gie prezentat fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni li gie milqugh biss fuq bazi ta' *prima facie* u l-proceduri fuq il-mertu ghadhom sal-lum pendenti.

Illi fil-fatt jista' jinghad li l-ewwel Qorti bl-ebda mod ghadha ma dahlet fil-mertu tat-talba ghaliex dan isir biss wara li tigi intavolata l-azzjoni *"ghall-jedd imsemmi fil-mandat'* fit-termini imposti fl-**artikolu 843 tal-Kap 12,** u huwa ghalhekk wara l-istess process u decizjoni finali fuq il-mertu li wkoll tkun ghaddiet in gudikat li jista' jinghad li hemm decizjoni finali, u tkun tista' b'hekk tigi eccepieta l-eccezzjoni tar-*res judicata.* F'dan il-kaz ma hemm xejn minn dan; hemm biss proceduri kawtelatorji, u kawza pendenti fuq il-jedd vantat

*ai termini* tal-artikoli tal-ligi imsemmija, u xejn izjed, u ghalhekk fil-kuntest tal-proceduri odjerni, din l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta qed tigi michuda.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti trid tikkunsidra jekk it-talba tar-rikorrent hijiex proponibbli jew le taht l-ordinament guridiku nostrali.

Illi hawn il-Qorti tirreferi ghall-**artikolu 873 (4) tal-Kap 12** li jipprovdi:-

*"Illi jekk jigi ppruvat permezz ta' rikors ghas-sodisfazzjoni tal-qorti li wara l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni l-persuna inibita issoktat fix-xoghol jew hatt bi ksur ta' l-ordni tal-qorti, il-qorti ghandha, minghajr pregudizzju ghal kull azzjoni lilha kompetenti, fuq talba tar-rikorrent, tikkundanna lill-persuna li kontriha jkun inhareg il-mandat sabiex tirrimedja dak li ntghamel bi ksur tieghu u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti li jaghmel dawk ix-xoghlijiet kollha rimedjali li l-qorti tista' tordnalu jaghmel bi spejjez tal-persuna inibita".*

Illi huwa ovvju li dan is-subartikolu irid jinqara b'riferenza ghal dak li jipprovdi l-**artikolu 873 (1)** fejn il-mandat ta' inibizzjoni huwa deskritt bhala dak *'li jzomm persuna milli tibda jew tissokta bini jew xoghol iehor ikun li jkun, inkella, milli jhott jew jaghmel tibdil f'bini jew f'xoghol iehor, jew li jzomm persuna milli tidhol f'fond jew lok, jew li taghmel xi haga tkun li tkun li tista' tkun ta' hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat".*

Illi meta ssir riferenza ghaz-zewg sub-artikoli jidher car li l-istess ligi qed tipproponi rimedju meta l-persuna li giet ordnata sabiex tiddesisti milli tkompli taghmel ix-xoghol mertu tal-istess mandat ta' inibizzjoni tkompli bl-istess xoghlijiet pendenti l-ezitu tal-proceduri fuq il-mertu jnizjati mill-parti l-ohra u dan limitatament u fis-sens jekk wara l-ghoti tal-istess digriet ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni x-xoghol jissokta, u tali xoghol ikun tali li jbiddel is-sitwazzjoni kif kienet qeghda fil-mument tal-hrug u n-notifika tal-mandat, hija tista' tordna li dak li jkun sar mill-intimat bi ksur tal-istess ordni jigi rimedjat.

Illi dan huwa minifestat mill-fatt li l-istess **subartikolu 873 (4)** jaghmel riferenza unika ghal xoghol rimedjali li ghandu jsir jew mill-intimat u fin-nuqqas mir-rikorrenti ghas-spejjez tal-initmat, sabiex il-posizzjoni tigi re-integrata fl-istat li kienet fil-mument tal-hrug tal-istess mandat kawtelatorju, u la darba dan huwa il-kaz, u la darba din il-pendenza titratta dwar ordni ta' inibizzjoni fil-konfront tas-socjeta` intimata milli tuza' l-istess *garage* ghal skopijiet industrijali u ghall-manifattura ta' prodotti tal-ghagin, jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti tali **artikolu 873 (4)** huwa l-iktar vicin li jista' japplika ghall-kaz *de quo.*

Illi din il-Qorti thoss li din l-unika interpretazzjoni li tista' tinghata ghall-istess subartikolu li huwa intiz sabiex jassigura li l-ordnijiet tal-Qorti jigu rispettati u huwa proprju dan li l-istess subartikolu **(4) tal-artikolu 873** appena citat,

li jipprovdi rimedju ghal kull tip ta' ordni ta' inibizzjoni anke ghall-inibizzjonijiet ta' xorta ohra minn dawk ta' hatt jew xoghlijiet tal-bini, meta l-persuna ordnata biex tieqaf mix-xoghol jew tiddesisti milli taghmel xi haga tinjora din l-ordni u tissokta fl-eghmil taghha kontra l-ordni specifika tal-Qorti u dan pero` bl-iskop specifiku li tigi rispettata l-*istatus quo* li kienet tezisti fil-mument tal-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni bejn il-partijiet pendenti l-ezitu tal-kwistjoni fil-mertu.

Illi din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li r-rimedju moghti fl-**artikolu 873 (4)** huwa purament li f'kaz ta' hrug ta' mandat kawtelatorju, u meta dan jkun qieghed jigi vjolat minn min ikun gie ordnat mill-Qorti sabiex jieqaf minn dak li jkun se jaghmel u qed jaghmel, wiehed mir-rimedji provduti fil-ligi huwa li l-persuna li tkun otteniet il-hrug tieghu tmexxi permezz ta' rikors fejn titlob li l-istess persuna li kontriha inhareg il-Mandat tirrimedja dak li ntghamel bi ksur tieghu u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti li jaghmel dawk ix-xoghlijiet rimedjali li l-qorti tista' tordnalu jaghmel bi spejjez tal-persuna inibita. L-iskop tal-istess subartikolu huwa ghalhekk limitat sabiex jithassar dak li sar mill-mument tal-hrug tal-imsemmi mandat sal-prezentata tar-rikors, pendenti l-ezitu finali tal-kawza jew pendenza fuq il-meritu.

Illi dan ovvjament huwa ben differenti mill-kuncett ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti, msemmi mis-socjeta` intimata fir-risposta taghha, tant li fis-sentenza **"Il-Qorti vs Carmel Damato"** (P.A. (C.S.) 29 ta' Marzu 1984, Vol.LXVIII.iii.51) intqal:-

*"Illi, in tema legali, jinghad li min jikser obbligu lilu impost mill-Qorti fuq mandat ta' inibizzjoni tal-parti kuntrarja, jirrendi ruhu hati ta' disprezz ghall-awtorita` tal-Qorti u xejn ma jiswa li l-motiv li jkun gieghlu jikser dak l-ordni jkun ta' min jissimpitazza mieghu minghjar ma jigi mehud in konsiderazzjoni l-punt legali, ghax mill-punto di vista guridika dak il-motiv mhu ta' ebda valur (Vol.XXXII.iii.910)".*

Illi dwar il-proceduri ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti fil-kawza "**L-Pulizija vs Meinrad Callejja**" tat-8 ta' Gunju 1998 (Qorti tal-Magistrati), inghad:

*"Huwa ovvju, anke minn esami anke superficjali tad-disposizzjonijiet applikabbli li d-distinzjoni basilari bejn l-imgiba mhux xierqa li ssir 'infaciem curiae' u dik li ma ssirx hekk hija netta u l-kazi huma trattati b'mod differenti u dana gustament. Fl-ewwel kaz, il-ligi trid taghti lill-gudikant il-mezzi biex immedjatament igib ghall-ordni lil min jittanta jfixkel il-kors tal-gustizzja u dana biex tassikura li xejn ma jimpediha milli tesercita d-doveri taghha b'intervent repentin u awtorevoli. Fit-tieni kaz fejn id-disprezz ikun sar barra mill-ambitu tal-proceduri quddiemha, il-ligi tipprovdi li jigi assikurat li min ikun akkuzat li jkun hati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti jinghata opportunita` shiha li jiddefendi ruhu minn din l-akkuza" [kollez. Vol: **LXXXII.ii. 187];***

Illi fis-sentenza "**Registratur tal-Qrati Superjuri vs Lygia sive Luigia Saliba**" (P.A. JRM 7 ta' Mejju 2001) inghad:

"*Illi wahda mis-setghat ewlenin ta' kull Qorti hija dik li taghti ordnijiet lil xi hadd, kemm jekk biex dik il-persuna taghmel xi haga, jew biex dik il-persuna ma taghmilx xi haga. Il-ksur ta' kull ordni jikkostitwixxi disprezz ghall-awtorita` li, bis-sahha taghha, dik l-ordni tkun inghatat. Kif jghallem Denning: "This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt" (cfr. In Re Bramblevale Limited (1970)]".* **("Registratur tal-Qorti Superjuri vs Anna Mizzi"** – P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2001).

Illi, minbarra dan, l-akkuza ta' disprezz iggib maghha l-htiega li tigi ppruvata, minn min qieghed jixli, l-intenzjoni tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'hekk l-awtorita` taghha.

Illi fl-istess sentenza inghad ukoll illi dik l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni moghti lilha bhala wiehed korrett jew le: is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jithassarx b'ordni ohra tal-Qorti nnifisha, huwa raguni oggettiva li torbot lill-mixli li joqghod ghaliha, jaqbel jew ma jaqbilx maghha. Hekk jirrizulta ukoll anke jekk wara rrisulta li l-ordni tal-Qorti kien wiehed null, u dan kif gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet "**Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella**" (A.C. 7 t'Ottubru 1997), b'dan ghalhekk li tali procedura ta' disprezz hija ntiza mhux biex l-attur jirbah xi haga izda biss li tigi zgurata u mharsa l-amministrazzjoni

tajba tal-gustizzja ("**Il-Qorti vs Antoine R Camilleri"** – LXXIV.iii.546).

Illi ghalhekk jidher car li l-proceduri ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti, li jidher li gew ukoll intavolati mir-rikorrenti huma fil-fatt ben distinti minn dawk kontemplati *ai termini* tal-**artikolu 873 (4) tal-Kap 12,** stante li dawn tal-ahhar qed jipprovdu rimedju mmedjat ghall-fatt li l-intimat li gie ordnat sabiex jieqaf mix-xoghlijiet indikati fid-digriet, jinjora l-istess ordni u jibqa' ghaddej bix-xoghol qisu qatt ma kien xejn, mentri il-proceduri ta' disprezz iwasslu biss sabiex il-Qorti, fil-kaz ta' htija timponi l-piena hemm stabbilita.

Illi stabbilit il-premess wiehed irid jezamina jekk il-fatt allegati fl-istess rikors u t-talba hemm maghmula jaqawx taht din id-disposizzjoni tal-**artikolu 873 (4) tal-Kap 12** u dan peress li jidher li mill-istess subartikolu, u kif gja gie accennat qabel f'din id-decizjoni, l-intenzjoni tal-ligi tidher li hija biss sabiex ix-xoghol li jkun sar mill-istess intimat wara l-hrug ta' tali mandat ta' inibizzjoni, jigi rrimedjat fis-sens, li kollox jingab lura fil-posizzjoni originali li kienet tezisti waqt il-hrug tal-istess mandat u n-notifika tieghu lill-persuna li tkun diretta lejha l-istess ordni.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti jidher li l-iskop tar-rikors odjern jmur oltre dawn il-binarji stabbiliti fl-istess **artikolu 873 (4)** u dan peress li dak li r-rikorrenti qed jittenta b'dan ir-rikors huwa li effettivament iwaqqaf l-agir purche' illegali tas-

socjeta` intimata u mhux sempliciment sabiex il-posizzjoni tigi re-integrata ghall-mument meta inhareg l-istess mandat, u dan anke ghaliex jidher li fil-fatt il-posizzjoni tal-kontendenti baqghet l-istess mill-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni sal-lum.

Illi dan fl-opinjoni ta' din il-Qorti jmur oltre minn dak preskritt fl-istess **artikolu 873 (4)** u hawn tajjeb li jsir riferenza ghad-Digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta f'rikors simili bejn l-istess partijiet datat 7 ta' Mejju 2001 u dekretat fit-22 ta' Mejju 2001, li tieghu dan ir-rikors odjern huwa ferm simili, hlief ghad-dicitura li hija varjant insinifikanti ghad-decizjoni odjerna.

Illi dan kollu huwa sintomatiku u jaqbel perfettament mal-kuncett ta' mandat ta' inibizzjoni, stante li bl-istess kawtelatorju l-iskop huwa li twaqqaf xi haga mill ssir sabiex ir-rikorrenti ma jkunx pregudikat anke jekk jiehu ragun fuq il-mertu billi jsib xoghlijiet ulterjuri minhabba liema ma jkunx jista' jesegwixxi d-dritt tieghu, u l-iskop tal-istess mandat hija li thalli l-posizzjoni tal-partijiet sospiza sakemm ikun hemm decizjoni finali b'mod li tali decizjoni tkun tista' tigi rejalment effettwata u esegwita, filwaqt il posizzjoni tal-intimat tibqa' wieqfa, anke ghaliex sa dak il-mument kull ma jkun hemm, kif hemm f'dan il-kaz, huwa biss decizjoni fuq bazi ta' *prima facie.*

Illi dan xorta jrendi l-agir tas-socjeta` intimata li kompliet tinjora l-ordni tal-Qorti ghal kollox abbuziv u illegali w in

effetti in vista tal-fatt li s-socjeta` intimata jirrizulta li kompliet bil-manifattura ta' ghagin, kif ammess minn Rita u Antonio Giannetti waqt l-access tad-19 ta' Lulju 2001, almenu ghar-rigward ta' tortellini u ravjul, u dan ix-xoghol baqa' jsir anke wara n-notifika lilha tal-mandat ta' inibizzjoni fit-termini imposti minn din il-Qorti fid-Digriet taghha tas-26 ta' April 2001, jidher li kien ghalhekk li din il-Qorti diversament presjeduta fid-Digriet taghha tat-22 ta' Mejju 2001 fl-ismijiet premessi laqghet it-talba sabiex jittiehdu "*l-proceduri kollha necessarji ghad-disprezz tal-awtorita` tal-Qorti"* tant li ordnat lir-Registratur tal-Qorti jipprocedi kontra s-socjeta` intimata ghad-disprezz tal-Qorti, pero` cahdet it-talba tal-istess rikorrenti kif hemm proposta stante li sostniet li din it-talba *"hija insostenibbli fis-sistema guridiku taghna"* u din il-Qorti taqbel ukoll mal-istess Digriet u dan proprju ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati, u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti qed jigu hawn ukoll michuda.

Illi dan qed jinghad bla pregudizzju ghar-rimedji ohra li talvolta l-istess rikorrenti ghandu skond l-ordinament guridiku nostrali, inkluzi s-sanzjonijiet ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti, u azzjonijiet ohra inkluzi dawk ta' danni tal-volta spettanti lill-istess rikorrenti.

## **<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghar-ragunijiet fuq premessi u ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi**, billi **tichad it-talba tar-rikorrenti**

**fir-rikors tieghu tal-24 ta' Mejju 2001** u dan stante li tali talba ma hijiex sostenibbli fis-sistema guridiku nostrali kif fuq indikat.

Illi stante l-partikolarita` tal-kaz, kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha in konnessjoni ma' din il-procedura b'dan li l-ispejjez tal-access mizmum mill-Qorti ghandhom jigu maqsuma bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**Onor.Imhallef Raymond C.Pace LL.D.**
**8 ta' Jannar 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**8 ta' Jannar 2002.**